Uffiċċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*26 ta' Mejju, 2010*

77/2010

**ĊELEBRAZZJONI DJOĊESANA F'GĦELUQ IS-SENA TAS-SAĊERDOTI**

Is-Sena tas-Saċerdoti li l-Papa Benedittu XVI ħabbar sena ilu, se tagħlaq f'Ruma fil-festa tal-Qalb ta' Gesu, fil-11 ta' Ġunju, 2010.

Il-Knisja f'Malta se tfakkar dan l-avveniment importanti permezz ta' Ċelebrazzjoni Djoċesana li se ssir nhar **l-Erbgħa, 2 ta' Ġunju, 2010,** fis-7:00 p.m., fil-Katidral tal-iMdina. Dakinhar se ssir Quddiesa bis-sehem ta' numru ta' saċerdoti u wara Purċissjoni Ewkaristika fit-toroq tal-iMdina. Fi tmiem il-purċissjoni, l-Arċisċof se jagħti barka ewkaristika minn fuq is-swar.

Il-Knisja f'Malta tixtieq tħeġġeġ lill-kommunita' Nisranija biex dakinhar tinġabar flimkien għal din it-talba ta' radd il-ħajr lil Alla għall-ħidma tas-saċerdoti u biex Hu jibqa' jżejjen lill-Knisja b'ħafna saċerdoti qaddisa li jkunu ta' għajnuna lill-poplu Nisrani.

Nistiednukom tibagħtu ġurnalist/fotografu/cameraman għal din l-attivita'.

Kurja tal-Arċisqof, Pjazza San Kalċedonju, Floriana, FRN 1535, Malta. Tel. (356) 21241281. Url: www.maltadiocese.org